

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 142/2015****tal-11 ta' Ġunju 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2016/2177]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/562 tat-8 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' sistemi avvanzati għal ibbrejkjar f'emerġenza ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied mal-punt 45zzp (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2012) tal-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

— **32015 R 0562**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/562 tat-8 ta' April 2015 (ĠU L 93, 9.4.2015, p. 35).”*Artikolu 2*It-testi tar-Regolament (UE) 2015/562 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 93, 9.4.2015, p. 35.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.